**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 49**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar it-Tlieta 27 ta' Settembru 2022, fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi u kienet streamed live.

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento –Sindku
Donnha Barbara – Viċi Sindku
Carmelo Cuschieri – Kunsillier
Daniel Ablett – Kunsillier
George Muscat – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Dr Sean Apap Meli – Kunsillier
Abigail Sammut – Kunsillier
Doris Zammit – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

Ralph Puli – Kunsillier
Martina Grech - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppresieda l-laqgħa.

**Assenti b'Apoloġija**

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsillier Ralph Puli talab li jkun skużat.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li l-Kunsillier Martina Grech talbet li tkun skużata.

Il-Kunsill approva l-apoloġiji ppreżentati.

**Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Sur Mario Fava dwar it-talba għal revoka tat-tibdil tal-isem ta' Triq Anici, fejn ġie nfurmat mill-Kumitat għat-Tismija tat-toroq, li din it-talba ma ġietx aċċettatha.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma lill-membri, li wara li nħarġet l-istqarrija mill-Kunsill Lokali l-istedina lill-Kunsill, għas-seduta tal-Awtorita' tal-Ippjanar, fejn ġie diskuss PC/00035/17, jidher li bħalissa għaddejja nvestigazzjoni nterna mill-istess Awtorita'. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento qal li dan kollu qed jagħti raġun lill-Kunsill Lokali.

Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet infurmat li minn investigazzjoni nterna, rriżulta li l-korrispondenza kkwotata mill-Prim Ministru, li ġġib id-data tas-26 t'Awwissu qatt ma waslet għand il-Kunsill Lokali. Infurmat li l-email datata 7 ta' Settembru ntbagħatet fuq il-generic email tal-Kunsill Lokali, filwaqt li l-istedina għas-Seduta ntbagħtet fuq l-email personali tagħha, 10 minuti fuq il-ħin.

Il-Kunsillier Marvin Zammit qal li l-Kunsill jinsab iddiżappuntat għall-fatt li din l-art ingħatat għall-bini.

Is-Sindku ppropona li tintbagħat email uffiċjali lill-Awtorita' tal-Ippjanar u jistaqsi fejn waslet l-investigazzjoni nterna u wara tinħareġ

stqarrija uffiċjali fejn ninfurmaw li tlabna lill-Awtorita' fhiex wasal il-proċess u li l-Kunsill kellu raġun mill-bidu nett.

Il-Kunsillier Daniel Ablett ġibed l-attenzjoni li hija ħasra li l-Kunsill mhux jagħmel propoganda biżżejjed tax-xogħlijiet li qed isiru fil-lokalita'.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li tkellem ma' persuna professjonali dwar strateġija ta' marketing u lest jagħti s-servizz tiegħu. Is-Sindku ta nformazzjoni dwar min hi l-persuna.

Il-Kunsillier Marvin Zammit ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill għandu joħroġ sejħa pubbliku u mhux jagħti direct orders, għaliex dan mhux mod ta' kif isiru l-affarijiet ta' governanza tajba. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento saħaq li l-persuna li tkellem magħha dwar dan is-servizz għandu esperjenza vasta f'dan is-settur.

Il-Kunsillier Marvin Zammit qal li hu mhux jistaqsi dwar l-esperjenza tal-persuna iżda dwar il-mod ta' kif qed jingħataw l-ordinijiet għal dawn is-servizzi.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li għandu stima u disinn għall-monument ddedikat lill-Mara Qormija.

Il-Viċi Sindku Donnha Barbara rrimarkat li bħala qal il-kollega, Marvin Zammit aktar kmieni, tali xogħlijiet għandhom isiru b'espressjoni ta' nteress permezz ta' sejħa pubblika, sabiex ikun hemm lok ta' tmexxija trasparenti. Il-Viċi Sindku Donnha Barbara qalet li l-Kunsill ma jistax jibqa' għaddej jagħti direct orders bl-addoċċ u jintagħżlu n-nies u wara jiġu nfurmati b'dan.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li l-Kunsill rċieva korrispondenza mingħand l-Eċċellenza Tagħna l-President Emeritus Marie Louise Coleiro Preca dwar għajnuna mill-Kunsill Lokali għal servizz ta' councelling fl-iskejjel tal-lokalita', taħt il-proġett Blossom. Is-Sindku nfurma li l-Kunsill għandu għal qalbu l-benessere totali taċ-ċittadini kollha u jixtieq joffri dan is-servizz fil-binja tal-Kunsill, iżda meta ddiskuta mal-esperti, ġie nfurmat li dawk li għaddejjin minn diffikultajiet soċjali mhux se jfittxu l-għajnuna huma u kien għalhekk li l-Mata Trust Foundation qed toffri dan is-servizz fl-iskejjel. Il-Fondazzjoni qed titlob li l-Kunsill iħallas is-servizz ta' social worker fiż-żewġ skejjel. Is-Sindku Josef Masini Vento nfurma li se tkun qed tintbagħat korrispondenza lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex naraw hux legali li l-Kunsill jidħol għal dan l-MoU.

**Milied 2022**

Is-Sindku Josef Masini Vento nfurma li l-Kunsill Lokali applika għall-iSkema Espressjoni ta' Interess Milied 2022.

Is-Sindku Josef Masini Vento nfurma li jkun sabiħ jekk isir il-marċ tal-Milied. Il-Kunsillier Marvin Zammit ppropona li jiġi ppreparat programm tal-marċ u jsir meeting mal-baned.

Is-Sindku Josef Masini Vento ppropona li ssir Christmas Bike Ride għall-Istrina.

**Pink October & Movember 2022**

Il-Viċi Sindku Donnha Barbara pproponiet li ssir mixja ta' 3Km fl-okkażjoni ta' Pink October u Movember. Il-Kunsillier Daniel Ablett infurma li se jkellem lil Qormi Athletic Club sabiex issir ir-rotta. Il-Viċi Sindku Donnha Barbara ssuġġeriet li jiġi mistieden Europa Donna u jieħdu ħsieb ir-registration u flokkijiet.

**San Martin 2022**

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li wara s-suċċess tas-sena li għaddiet se terġa' ssir l-attivita' tat-tqassim tal-borża ta' San Martin lit-tfal.

**Attivita' kulturali biċ-choo-choo train**

Is-Sindku Josef Masini Vento fakkar lil membri li l-Ħadd 16 t'Ottubru se tinżamm l-attivita' kulturali bic-choo-choo train u ħeġġeġ lil kulħadd sabiex jattendi.

Il-Kunsillier Daniel Ablett ġibed l-attenzjoni li l-poster mhu xejn attraenti, għaldaqstant ġie maqbul li jsir poster ġdid. Is-Sindku

ppropona li ssir press conference nhar is-Sibt 8 t'Ottubru fl-10.00a.m. fis-sala tal-Kunsill.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li s-sena li għaddiet saret il-Christmas Tree u għaldaqstant din is-sena jmiss li jintramaw pjazez oħra ċentrali. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento ppropona li jintramaw Pjazza Federico Maempel u Triq Kan. Dun Ġwakkin Schembri.

Is-Sindku ppropona li Pjazza San Franġisk tiżżejjen kollha bid-dawl, fosthom 6 linef u l-Christmas Tree tiddawwal aktar. Il-materjal kollu li jinxtara għandhom ikunu propjeta' tal-Kunsill.

Is-Sindku ppropona budget ta' € 10,000 għal dawn il-proġetti. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento ppropona li jiżżejnu t-toroq li jintramaw kull sena.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li se jkun hemm Seduta tal-Awtorita' tal-Ippjanar dwar il-permess tal-kiosk fi Vjal de la Cruz. Is-Sindku nfurma li se jkun qed joġġezzjona li l-Kunsill iħallas il-planning gain mitluba, ta' € 23,000 u l-multa ta' € 5660.

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli staqsa x'sar dwar il-kuntratt tal-ġonna. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li t-tender document għadu qed jinħadem.

Il-Vici Sindku Donnha Barbara ġibdet l-attenzjoni li hemm issue bir-Reġjuni għaliex dawn ma jridux responsabbilta' tal-Kuntratt tal-ġbir tal-sikart u għaldaqstant il-Kunsill għandu joqgħod attent ħafna f'dan l-istadju.

Skeda ta' Ħlasijiet

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Settembru 2022.

Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' ħlasijiet.

**Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-8.30p.m. u ġiet aġġornata għat-**Tlieta, 18 ta' Ottubru 2022** fis-6.30p.m.

Konfermati, illum 15 ta' Novembru 2022.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| Josef Masini Vento (Dr) | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |